MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2011

Numru 1152/2011

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Patrick Maurel Sakso

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ Franciza numru 110494100610, akkuzat talli:

- fl-14 ta’ Ottubru 2011 u fil- granet ta’qabel, f’dawn il-Gzejjer, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel xi delitt f’Malta (frodi b’eghmil qarrieqi) li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-istampa.

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kas ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil- Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kas ta' htija tikkundana lill-akkuzat/i ghal hlas ta' l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 553 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L- ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata u l-istqarrija tieghu hi altru li ilokwenti f' dak li l-imputat ma qalx.

Irrispettivament, stante l-ammissjoni ssibu hati.

Rat l-Artikolu 48 A (1) (2) (3) (4), 31, 308 tal-Kap 9.

Tiddecidi li tillbera lill-imputat bl- applikazzjoni tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin.

Tordna l-konfiska tal-oggetti kollha elevati mhux ukoll pero, t-tlett telefons cellulari u l-barzakka li gew lilu ritornati seduta stante.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------